MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 796/1999/1

**JIMMY VELLA LIMITED**

vs

**BORG TRANSPORTATION LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta’ April, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija mħarrka ikkunsinnatilha sitt elef (6,000) litru ta’ *diesel* imħallat bl-ilma, minn liema kunsinna l-kumpannija mħarrka reġgħet ħadet lura ħames mija u sitta u tmenin (586) litru minnhom; (b) ssib li, minħabba dik il-kunsinna mniġġsa, hija ġarrbet danni konsistenti fi ħsarat fl-inġenji tagħha u

telf ta’ qligħ minħabba waqfien mix-xogħol, li għandha tagħmel tajjeb għalihom il-kumpannija mħarrka; (ċ) tillikwida d-danni mġarrbin minnha; (d) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha d-danni hekk likwidati; u (e) issib li hija m’għandhiex tħallas is-somma ta’ disa’ mija u sebgħa w erbgħin lira Maltija u ħamsa w erbgħin ċenteżmi (Lm 947.45)[1] mitluba mill-kumpannija mħarrka għal dik il-parti tal-kunsinna li ma tteħditx lura. Talbet l-ispejjeż u żammet sħaħ il-jeddijiet tagħha ta’ kull azzjoni oħra kontra l-kumpannija mħarrka;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-7 ta’ Mejju, 1999, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma taħti xejn lejn il-kumpannija attriċi u li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu kontra tagħha. Hija qalet li kulma kienet għamlet bħala *jobber* kienet li tikkunsinna *diesel in bulk* kif kienet tagħtihulha l-Korporazzjoni Enemalta, u għalhekk jekk għandu jwieġeb xiħadd għal dan hija l-imsemmija korporazzjoni. Talbet is-sejħa fil-kawża tal-Korporazzjoni Enemalta. Żiedet tgħid li ma kien minnu xejn li l-kumpannija attriċi ġarrbet xi danni minħabba dik il-kunsinna, u dan għaliex hekk kif l-attriċi talbitha tieħu lura d-*diesel* konsenjat, hija minnufih marret u ġabritu lura. Iżda meta marret biex tirtira l-kunsinna, sabet li l-kumpannija attriċi kien għad fadlilha biss 586 litru minn kunsinna ta’ sitt elef (6,000) litru. Hija żżid tgħid li l-kumpannija attriċi trid iġġib provi li tassew ġarrbet id-danni li tgħid li batiet u li dawn imissha talbithom lill-Korporazzjoni Enemalta. Dwar it-talba attriċi biex ma titħallasx is-somma ta’ Lm 947.45 bħala prezz tal-kunsinna kunsmata, il-kumpannija mħarrka tgħid li l-ħlas qiegħed jintalab dwar id-*diesel* li l-attriċi ħadet u wżat. Minbarra dan, l-ammont li l-kumpannija attriċi tgħid li jistħoqqilha żżomm milli tħallas xorta waħda hu dovut għaliex l-istess kumpannija attriċi għandha tagħtiha s-somma ta’ erbat elef seba’ mija u tlieta w erbgħin lira Maltin u disgħa u sittin ċenteżmi (Lm 4,743.69[2]) rappreżentanti l-prezz ta’ fornituri li kienu saru f’okkażjonijiet oħrajn ta’ qabel u prezz ta’ bejgħ ta’ ħwejjeġ li għandhom x’jaqsmu. Temmet tgħid li dwar dan l-

[1] Li jġibu €2206.96 fi flus tal-lum
[2] Li jġibu €11,049.83 fi flus tal-lum

ammont hija kienet qiegħda tressaq Kontro-Talba kontra l-kumpannija attriċi;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-kumpannija mħarrka fis-7 ta' Mejju, 1999, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti (i) ssib li l-kumpannija attriċi rikonvenuta għandha tagħtiha s-somma ta' erbat elef seba' mija u tlieta u erbgħin lira Maltin u disgħa u sittin ċenteżmi (Lm 4,743.69) li tirrappreżenta l-prezz ta' fornituri ta' *diesel* li kienu saru f'okkażjonijiet oħrajn ta' qabel u prezz ta' bejgħ ta' ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu; u (ii) tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta tħallasha dik is-somma, flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali maħduma sal-jum tal-ħlas effettiv u mal-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi rikonvenuta fil-31 ta' Mejju, 1999, li biha ċaħdet it-talba għall-ħlas billi allegat li d-*diesel* li kien kunsinnat ma kienx tal-kwalita' miftehma, tant li dan ikkawża ħsarat fl-inġenji tagħha, kif issemma fil-premessi tal-Att taċ-Ċitazzjoni tagħha. Żiedet tgħid ukol li l-ammont mitlub mill-kumpannija rikonvenjenti kien eċċessiv;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-26 ta' Novembru 1999, fejn il-partijiet għarrfu lill-Qorti li sakemm tkun għadha għaddejja l-investigazzjoni fi ħdan il-Korporazzjoni Enemalta dwar il-każ, ma kenitx qiegħda ssir l-insistenza għas-sejħa fil-kawża tal-istess korporazzjoni u l-kawża kienet sejra tistenna l-eżitu tal-investigazzjonijiet;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Aċċediet fuq il-post[3];

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[3] Verbal f'paġġ. 105 – 7 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni b'kontro-talba għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "JVL") tgħid li ġarrbet danni f'għadd ta' vetturi w inġenji mekkaniċi tagħha minħabba li kunsinna ta' *diesel* li hija xtrat mingħand il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "BTL") kienet imniġġsa bl-ilma. Minħabba f'hekk, il-vetturi u l-inġenji li ħadu minn dik il-kunsinna waqfu jaħdmu u hija ġarrbet ħsara. Trid li BTL tagħmel tajjeb għal dik il-ħsara. Triq ukoll li titħalla ma tħallasx tal-parti tal-kunsinna li laħqet intużat minnha u li kienet imniġġsa. Min-naħa tagħha, BTL ressqet azzjoni rikonvenzjonali biex titlob il-kundanna ta' JVL għall-ħlas ta' bilanċ ta' kunsinni ta' *diesel* u oġġetti oħrajn li baqgħu ma tħallsux;

Illi għall-azzjoni ta' JVL, BTL laqgħet billi qalet li hi ma taħtix għat-tniġġis li nstab, għaliex xogħolha kien biss li twassal il-kunsinna lil JVL hekk kif tagħtihulha l-Korporazzjoni Enemalta. Hija tgħid li jekk tassew li d-*diesel* kien kontaminat, JVL imissha fittxet lil Enemalta, u għalhekk din imissha tissejjaħ fil-kawża biex twieġeb hi għal dak li ġara. Żiedet tgħid li ma kien minnu xejn li JVL ġarrbet xi danni minħabba dik il-kunsinna, u dan għaliex hekk kif JVL talbitha tieħu lura d-*diesel* konsenjat, hija minnufih marret u ġabritu lura. Iżda meta marret biex tirtira l-kunsinna, sabet li JVL kienet diġa' użat il-biċċa l-kbira minnha u kien għad fadlilha biss 586 litru minn kunsinna ta' sitt elef (6,000) litru. Hija żżid tgħid li JVL trid iġġib provi li tassew ġarrbet id-danni li tgħid li batiet u li dawn imissha talbithom lill-Korporazzjoni Enemalta. Dwar it-talba ta' JVL biex ma titħallasx is-somma ta' Lm 947.45 bħala prezz tal-kunsinna kunsmata, il-BTL saħqet li l-ħlas qiegħed jintalab dwar id-*diesel* li JVL ħadet u wżat. Minbarra dan, l-ammont li JVL tgħid li jistħoqqilha żżomm milli tħallas xorta waħda hu dovut għaliex l-istess JVL għandha tagħtiha s-somma ta' erbat elef seba' mija u tlieta w erbgħin lira Maltin u disgħa u sittin ċenteżmi (Lm

4,743.69[4]) rappreżentanti l-prezz ta’ fornituri li kienu saru f’okkażjonijiet oħrajn ta’ qabel u prezz ta’ bejgħ ta’ ħwejjeġ li għandhom x’jaqsmu. Temmet tgħid li dwar dan l-ammont hija kienet qiegħda tressaq Kontro-Talba kontra JVL;

Illi fil-Kontro-Talba tagħha, BTL talbet li l-Qorti ssib li JVL għandha tagħtiha s-somma ta’ Lm 4,743.69 u li tikkundanna lil JVL tħallasha flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet kummerċjali;

Illi għall-azzjoni rikonvenzjonali ta’ BTL, JVL laqgħet billi ċaħdet it-talba għall-ħlas billi allegat li d-*diesel* li kien kunsinnat ma kienx tal-kwalita’ miftehma, tant li dan ikkawża ħsarat fl-inġenji tagħha, kif issemma fil-premessi tal-Att taċ-Ċitazzjoni tagħha. Żiedet tgħid ukoll li l-ammont mitlub mill-kumpannija rikonvenjenti kien eċċessiv;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li JVL hija kumpannija mdaħħla fil-qasam tal-bini u x-xogħol tagħha twettqu b’vetturi u tagħmir mekkaniku. Għal bosta snin, il-provvista ta’ *diesel* meħtieġ biex jitħaddmu l-imsemmija vetturi u tagħmir mekkaniku kienet tinxtara mingħand BTL. Fis-16 ta’ Diċembru tal-1998[5], BTL forniet kunsinna ta’ sitt elef (6,000) litru *diesel* lil JVL. Dak iż-żmien, JVL kien ilha tliet (3) snin tixtri l-ħtiġijiet tagħha ta’ *diesel* mingħand BTL biss u jieħdu medja ta’ kunsinna kull ħmistax-il (15) jum[6]. Hija kienet iżżomm il-kunsinni f’tank li minnu x-xufiera tagħha kienu jieħdu biex jimlew it-tankijiet tal-vetturi u tal-inġenji li kienu jitqabbdu jħaddmu. Mill-istess *bowser* li BTL tat lil JVL dak inhar, ingħataw ukoll żewġ klijenti oħra ta’ BTL dak inhar ukoll[7]: imma dawn ma lmentawx mill-kwalita’ tad-*diesel* li forniethom[8];

Illi fit-18 ta’ Diċembru, 1998, JVL ilmentat ma’ BTL dwar il-kunsinna ta’ Diċembru. Sa dak inhar mal-ħmistax-il (15) vettura ta’ JVL kienu mlew it-tankijiet tagħhom mit-tank li fih kien tbattal id-*diesel* kunsinnat jumejn qabel. Dak inhar

[4] Li jġibu €11,049.83 fi flus tal-lum
[5] Dok “JB2”, f’paġ. 83 tal-proċess
[6] Xhieda ta’ John Mary Vella 19.10.2000, f’paġ. 35 tal-proċess
[7] Xhieda ta’ Adrian Bianchi 3.2.2004, f’paġ. 97 tal-proċess
[8] Xhieda ta’ Emanuel Formosa 8.3.2002, f’paġġ. 68 u 71 tal-proċess

li sar l-ilment, BTL battlet id-*diesel* li kien għad fadal fit-tank ta' JVL u ħaditu. JVL reġgħet ħadet żewġ kunsinni oħra mingħand BTL. Madankollu, meta reġgħet xtrat kunsinna oħra wara dawn, sabet li d-*diesel* raġa' kien imħallat bl-ilma u qabbdet lil BTL terġa' tieħdu lura. Minn dak inhar 'il quddiem JVL bdiet tixtri d-*diesel* mingħand ħaddieħor;

Illi fit-23 ta' Diċembru, 1998, BTL ressqet rapport dwar l-ilment mat-taqsima relattiva tal-Korporazzjoni Enemalta[9]. Wara li BTL ressqet ir-rapport, l-Enemalta bagħtet żewġ spetturi għand JVL f'Diċembru tal-1998 u f'Jannar tal-1999 u ħadu kampjuni tad-*diesel* għall-analiżi[10]. Mill-eżamijiet li saru fuq il-post, deher li kien hemm xi ilma fit-tank li fih kien tferra' d-*diesel* provdut minn BTL u f'xi *jerry-cans* li JVL kienet battlet minn tankijiet tal-vetturi li kienu mlew minnu[11]. Madankollu, meta saru testijiet minn Enemalta fuq kampjuni meħuda mingħand JVL fiż-żewġ okkażjonijiet, ma nstabet l-ebda traċċa ta' ilma[12]. Fit-22 ta' Jannar, 1999[13], il-Korporazzjoni Enemalta bagħtet ittra lil JVL biex tgħidilha li hija ma kenitx liċenzjata biex taħżen *diesel*;

Illi f'April tal-1999, infetħet din il-kawża. Fl-10 ta' Jannar, 2000[14], l-Enemalta bagħtet tgħarraf li BTL b'dak li kien irriżultalha mill-eżami tal-kampjuni meħuda mingħand JVL;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jqajjem dan il-każ ikollhom tabilfors jinbnew fuq il-provi li tressqu mill-partijiet u kemm ix-xhud jitwemmnu jew ta' min joqgħod fuqhom. F'dan il-każ, min-naħa l-waħda, hemm l-allegazzjoni ta' JVL li l-kunsinna tad-*diesel* li tatha BTL kienet kontaminata bl-ilma; min-naħa l-oħra, hemm l-argument ta' BTL li dak li tat lil JVL kien dak li fornietha l-Enemalta bla ma bagħbset miegħu;

[9] Dok "A", f'paġ. 16 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Inġ. Kenneth Abela 8.3.2002, f'paġġ. 59 – 61 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Joseph Camilleri 3.2.2004, f'paġ. 93 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Inġ. Kenneth Abela 8.3.2002 f'paġ. 61 tal-proċess
[13] Dok "Ċ", f'paġ. 19 tal-proċess
[14] Dok "BT1", f'paġġ. 27 – 8 tal-proċess

Illi mix-xhieda li tressqet mhux kollox jidher li jaqbel ħaġa ma' oħra u fil-verżjonijiet mogħtija joħorġu xi diskrepanzi li, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, jolqtu s-saħħa tal-pretensjonijiet ta' min ikun għamilhom. Madankollu, l-Qorti seħħilha tislet fatti li dwarhom jew ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, jew joħorġu ċari miċ-ċirkostanzi tal-każ;

Illi fl-ewwel lok, ma hemmx kontestazzjoni li l-azzjoni ta' JMV tirreferi għal konsenja ta' *diesel* partikolari, u jiġifieri dik imwassla lilha minn BTL fis-16 ta' Diċembru, 1998, u li kienet ta' sitt elef (6,000) litru. Fit-tieni lok, meta JMV ilmentat mill-kwalita' ta' *diesel* li bih fornietha BTL, din qablet li tieħu lura l-konsenja u tibdilulha ma' kunsinna oħra ta' *diesel*. Fit-tielet lok, meta BTL marret tieħu lura l-kunsinna li dwarha JMV kienet ilmentat, sabet li kien għad fadal biss ħames mija u sitta u tmenin (586) litru fit-tank u fil-*jerry-cans* li kienu tbattlu minnu. Fir-raba' lok, wara li BTL kienet bidlitilha l-konsenja partikolari, JMV kienet reġgħet għamlet żewġ ordnijiet oħra ta' *diesel* fit-23 ta' Diċembru, 1998, u fit-18 ta' Jannar, 1999. Jirriżulta li JMV ħallset lil BTL ta' din l-aħħar kunsinna[15]. Fil-ħames lok, li n-negozju bejn iż-żewġ kumpanniji kien ilu miexi xi żmien u, sa dak inhar li BTL ikkunsinnat il-provvista li dwarha nfetħet din il-kawża, jidher li JMV kienet waqgħet lura xi ftit fil-ħlasijiet;

Illi dwar jekk il-kunsinna li BTL wasslet fis-16 ta' Diċembru, 1998, kenitx imniġġsa bl-ilma tressqu provi li juru li f'dik il-kunsinna kien hemm mas-sittin (60) litru ilma mħallat. Dan ħareġ mill-aċċertamenti li saru miż-żewġ tekniċi tal-Enemalta li marru fuq il-post u kif ukoll mir-rapport li nħareġ mill-istess korporazzjoni xi xhur wara. BTL tgħid li kulma hija ikkonsenjat lil JMV kien dak li fornietha bih l-imsemmija Korporazzjoni, u li minn dik l-istess kunsinna hija kienet dak inhar forniet ukoll lil żewġ klijenti oħrajn tagħha li ma kienu ressqulha l-ebda lment. Jirriżulta li ż-żewġ konsenji ta' dak inhar liż-żewġ klijenti l-oħrajn kienu ta' 'l fuq minn disat elef (9,000) litru[16];

[15] Dok "B", f'paġ. 18 tal-proċess
[16] Fatturi 9291 u 9292 f'Dok "AB1" f'paġ. 91 tal-proċess

Illi l-Qorti tasal biex tqis li, b'xi mod, mal-kunsinna li BTL wasslet lil JMV fis-16 ta' Diċembru, 1998, tassew kien tħallat xi ilma. Mir-rapport maħruġ minn Enemalta, ħareġ li kien hemm proċedura li biha min imur fil-faċilita' tal-istess Korporazzjoni bil-*bowser* biex jimlih, ikun dmir tiegħu li jivverifika dak li ħa u li jkun jaqbel li ma jkunx hemm ilma mħallat mal-kunsinna miksuba. Minbarra dan, malli JMV ilmentat dwar il-kwalita' tal-kunsinna partikolari, BTL aċċettat li tibdilhielha. Għalkemm wieħed jifhem li BTL għamlet dan biex iżżomm ir-rabtiet kummerċjali tagħha ma' JMV, fl-istess waqt ma jistax ma jurix ukoll li, b'xi mod, BTL kienet aċċettat l-ilment tal-klijenta tagħha. Għalkemm jista' jkun ukoll li, mill-istess kunsinna, BTL forniet lil żewġ klijenti oħra tagħha (li hija tgħid li ma lmentawx dwar il-kwalita' tad-*diesel* supplit minnha), mid-dokumenti mressqa mill-istess BTL, il-kunsinna lil JMV kienet, kronoloġikament, l-aħħar waħda minn dawk it-tlieta u għalhekk iż-żieda tal-ilma setgħet saret wara li kienu forniti ż-żewġ klijenti l-oħrajn. BTL ma seħħilhiex turi li kienet JMV jew xi impjegat tagħha li ħallat l-ilma mad-*diesel* konsenjat. Għalkemm BTL tallega li l-aċċess għat-tank kien wieħed faċli, din l-allegazzjoni ma tissarrafx fi prova. Min-naħa l-oħra, t-tank li fih tferrgħet il-kunsinna kien mirfud 'il fuq minn wiċċ l-art u mhux mirdum taħt l-art u b'hekk l-ilma ma setax jidħol mid-dagħbien. B'żieda ma' dan, jidher li kien hemm wiċċ imsaqqaf fuq it-tank li lanqas kien iħalli d-dħul tal-ilma tax-xita għal ġot-tank;

Illi, minn dawn il-konsiderazzjonijiet, jidher li l-verżjoni li din il-Qorti jixraq toqgħod fuqha l-aktar hija li tassew li l-kunsinna li BTL wasslet lil JMV dak inhar kienet imħallta b'xi ilma u li għal dan it-taħlit għandha twieġeb l-istess BTL. Kien għalhekk li l-Qorti ma dehrilhiex li kellha tilqa' l-eċċezzjoni ta' BTL biex tordna s-sejħa fil-kawża tal-Korporazzjoni Enemalta. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll li l-kwantita' ta' ilma li niġġes id-*diesel* kienet ċkejkna ħdejn il-volum tal-kunsinna sħiħa – bilkemm taqbeż il-wieħed fil-mija (1%) tal-kunsinna kollha. Minbarra dan, minħabba n-natura tat-taħlit – l-ilma ma jitħallatx mad-*diesel* għaliex itqal minnu u jaqa' fil-qiegħ – il-Qorti tqis ukoll li l-imsemmi ilma sata' tneħħa u jitħalla biss id-*diesel* fit-tank;

Illi fid-dawl ta’ dan kollu l-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tintlaqa’ u li t-tielet eċċezzjoni ta’ BTL m’għandhiex tintlaqa’;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-**ħames talba attriċi**. Din it-talba kienet tkun tajba li kieku l-kunsinna mniġġsa kellha tintrema. Madankollu, mill-atti ħareġ li BTL kienet aċċettat li teħodha lura u, fil-fatt, kienet marret għand JMV għal dan il-għan fi żmien qasir ħafna. Ġara, iżda, li meta ġiet biex tieħu lura l-kunsinna, sabet li fit-tank kien għad fadal biss ftit anqas minn sitt mitt litru *diesel*. Jekk wieħed iqis li l-volum ta’ ilma li tqies li kien tħallat mal-kunsinna kollha kien ta’ sittin litru, wieħed jasal għall-konklużjoni li JMV iddisponiet minn madwar ħamest elef u erba’ mitt litru *diesel*. Hija JMV nnifisha li fl-Att taċ-Ċitazzjoni taċċetta li tat lura lil BTL 586 litru *diesel* biss mill-kunsinna kollha. Rappreżentant ta’ JMV xehed li d-*diesel* kien intrema mit-tank għal ġot-triq. Il-Qorti ssib li din il-verżjoni ma tistax titwemmen. Li kieku tassew sar hekk, l-ispetturi tal-Enemalta kienu jaraw traċċi ta’ dan meta marru jivverifikaw l-ilment. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba huwa minnu li BTL kienet aċċettat mill-ewwel li tibdel il-kunsinna b’oħra friska, ma jagħmel l-ebda sens li JMV taqbad tarmi d-*diesel* imniġġes b’dak il-mod u b’hekk twaqqa’ l-ġebla fuq saqajha;

Illi l-Qorti tqis li dan l-aspett tal-kwestjoni huwa ta’ siwi, għaliex parti mill-kreditu li BTL tippretendi kontra JMV huwa sewwasew il-prezz tad-*diesel* li ma ntraddx lura lilha minn JMV. Il-Qorti ma temminx lanqas li l-ħamest elef u erba’ mitt litru ntefgħu kollha fil-vetturi u fl-inġenji mekkaniċi ta’ JMV f’daqqa waħda, u kellhom jintremew hekk kif ħareġ li d-*diesel* kien tħallat bl-ilma. Jidher li dak li tneħħa mill-imsemmija vetturi w inġenji kien inżamm fil-*jerry-cans* li eżaminaw l-ispetturi tal-Enemalta. Għalhekk, fin-nuqqas ta’ tifsira aħjar dwar x’għamlet JMV bid-*diesel* li ma ngħatax lura lil BTL (liema prova kienet taqa’ fuq JMV), il-Qorti tasal għall-fehma li JMV użatu u trid tħallas għalih;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ħames talba attriċi m'hijiex mistħoqqa u mhux sejra tintlaqa';

Illi **għar-rigward tat-talbiet għad-danni** JMV ma ressqet l-ebda prova tajba biex issostni dan l-ilment tagħha. Huwa minnu li r-rappreżentant ta' JMV qal li l-vetturi u l-inġenji waqfu għal xi jum u nofs sakemm tnaddfu, iżda dik ix-xhieda hija kontradetta minn xiehda oħra li tgħid li, f'dawk il-jiem, vetturi ta' JMV dehru jinsaqu fit-toroq u fuq il-lantijiet tax-xogħol, magħdud magħhom il-vettura tal-kumpannija li kienet tissupplixxi lill-vetturi l-oħrajn tagħha. Minbarra dan, sa ftit jiem wara li seħħ dan kollu, JMV reġgħet ħadet provvista oħra ta' *diesel* mingħand BTL u wżatha. Jekk dan huwa minnu u dik il-provvista ntużat biss minn JMV fil-vetturi jew l-inġenji tagħha, dan ifisser biss li dawk il-vetturi u dawk l-inġenji ma setgħux kienu wieqfa;

Illi mbagħad, il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni hija iżjed serja, għaliex JMV imqar ressqet xi sura ta' prospett biex tfisser fiex kienu jikkonsistu d-danni minnha pretiżi. Fin-nuqqas ta' din l-għamla ta' prova, l-Qorti ma ssibx li JMV seħħilha tipprova dawn it-talbiet tagħha;

Illi f'dan ir-rigward, irid jingħad li, meta lejn l-aħħar tal-kawża l-għaref difensur intebah b'din il-qagħda, ittanta jissottometti li l-kawża kienet miexja biss fuq it-trattazzjoni dwar l-ewwel, it-tieni u l-ħames talbiet attriċi. Wara li l-Qorti rat sewwa x'kienet il-bixra tal-kawża qabel ma l-atti ġew assenjati lilha, rat li dan ma kien minnu xejn u li qatt ma kienet ingħatat xi direttiva mill-Qorti (diversament presjeduta) li l-kawża kienet sejra titmexxa fuq uħud mit-talbiet biss;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi;

Illi dwar **it-talbiet rikonvenzjonali** ftit hemm x'wieħed jiddiskuti. It-talba rikonvenzjonali tinbena fuq kont li kien għadu pendenti meta JMV qatgħet ir-rabtiet kummerċjali tagħha ma' BTL. Il-kont huwa wieħed imfisser b'mod ċar. JMV laqgħet għal din it-talba rikonvenzjonali billi qalet li

dak li qed jintalab il-ħlas tiegħu hu d-*diesel* li kien imniġġes u li, f'kull każ, is-somma mitluba hija eċċessiva. Minn eżami tajjeb tal-fattura li dwarha tressqet il-kontro-talba, joħroġ ċar li dan m'huwiex minnu;

Illi joħroġ li l-ammont mitlub minn BTL fl-azzjoni rikonvenzjonali huwa dwar konsenji li saru qabel is-16 ta' Diċembru, 1998, li dwarhom JVM qatt ma ressqet ilment u li huma dokumentati kif jixraq bħala li ġew tassew konsenjati lilha. Mill-istess fatturi u minn dokumenti oħrajn li jinsabu fl-atti tal-kawża, l-konsenji li dwarhom BTL qiegħda tfittex il-ħlas huma kkalkulati b'rati li jaqblu ma' dawk ta' konsenji oħra li JMV nnifisha ħallset għalihom fl-istess żminijiet. Hemm ukoll talba għall-ħlas ta' prodotti oħrajn li BTL forniet lil JMV u li din ma wrietx għaliex ma kellhiex tħallas għalihom. Fl-aħħarnett, parti mill-pretensjoni ta' BTL hija dwar dik il-parti tal-kunsinna tas-16 ta' Diċembru, 1998, li JMV naqset li troddilha lura. Minħabba li l-Qorti aktar qabel waslet għall-fehma li JMV trid tħallas għaliha wkoll, joħroġ li kull parti mis-somma pretiża minn BTL hija tassew dovuta lilha;

Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tajba, l-Qorti ssib li l-azzjoni rikonvenzjonali hija tajba u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kunsinna ta' *diesel* mertu ta' din il-kawża fornita mill-kumpannija mħarrka kienet imħallta bl-ilma;

**Tiċħad it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi** billi l-kumpannija attriċi naqset li tressaq provi tajba biżżejjed biex issostnihom;

**Tiċħad il-ħames talba attriċi** billi l-prezz mitlub mill-kumpannija mħarrka huwa dwar *diesel* konsenjat li ma ntraddx lura;

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka** billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali** tal-kumpannija mħarrka u ssib li l-kumpannija attriċi rikonvenuta għandha tagħti lill-istess kumpannija mħarrka s-somma ta' ħdax-il elf u disgħa w erbgħin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€11,049.83) li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezz ta' konsenji ta' *diesel* lilha mibjugħa u konsenjati u ta' oġġetti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-istess konsenji;

**Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali** tal-kumpannija mħarrka u tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta tħallas lill-kumpannija mħarrka l-imsemmija somma ta' ħdax-il elf u disgħa w erbgħin euro u tlieta u tmenin ċenteżmi (€11,049.83), flimkien mal-imgħax legali fuqha, b'seħħ mit-12 ta' Mejju, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija attriċi rikonvenuta, billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-azzjoni ewlenija** jitħallsu bejn il-partijiet indaqs; filwaqt li l-kumpannija attriċi tħallas **l-ispejjeż tal-azzjoni rikonvenzjonali**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------